7

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 144/18/F

**Giovanni u Emmanuela Micallef**

**vs**

**Charichelon Co. Ltd.**

Illum 21 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li kellhom fuq il-vjaġġ li kienu bbukkjaw mad-ditta ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tal-istess soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal, jinnota li għal din is-seduta dehru r-rikorrenti, pero' għas-soċjeta' ntimata deher biss l-avukat li għat-Tribunal dana mhuwiex aċċettabbli, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti kienet għamlet operazzjoni tal-hip replacement illi jidher li s-soċjeta' ntimata kienet taf biha, u li mhux se jippermetti li r-rikorrenti terġa' tiġi bi tbagħtija kbira għas-seduta, u b'hekk ċaħad it-talba għal differiment.

Sadanittant, it-Tribunal sema' x-xhieda tar-rikorrenti, u d-diversi nuqqasijiet kienu li fil-vaganza li kienu marru, l-breakfast kien ikun ġo hotel ieħor, minkejja li kienu bbukkjaw 5 star hotel ingħataw guest house inferjuri u li kellhom jaqbdu taxi biex imorru għal breakfast u li waqt il-vaganza kellhom lejl fejn daqq l-alarm u kellhom joħorġu.

It-Tribunal, jinnota illi mhix ġusta li bbukkjaw hotel 5 star u ngħataw hotel oħra speċjalment jekk hija ta' stilel inqas.

Fit-tieni lok, lanqas huwa ġust li persuna jrid jaqbad taxi minħabba l-problema li kellha tal-hip raplacement biex imur għal breakfast x'imkien ieħor.

Għall-problema tal-alarm li daqq bil-lejl, din hija xi ħaġa imprevedibbli u li allura m'hemmx kontrol fuqha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**